# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 27 ta' Jannar 2025

**Rik. Gur.Nru.: 461 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**DZ**

**Vs**

**EG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DZ datat 20 ta' Settembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Il-partijiet izzewgu f'Malta nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) gewwa il-knisja parrokkjali taz-Zurrieq, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv tnejn, wiehed, hamsa, sebgha (2157), skont ic-certifikat hawn anness u immarkat bhala, "Dok A";*

2. *Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel jismu B li twieled nhar X li illum -il gurnata ghandu X -il sena u allura ghadu minorenni;*

3. *Il-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Joseph*

*Debono (kopja hawn anessa u mmarkata bhala "Dok B") wara digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);*

4. *M'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom 'il fuq minn erbatax -il sena legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *It-tifel tal-partijiet jirrisjedi flimkien mal-omm rikorrenti u l-intimat missier qed ihallas il-manteniment ghall-minuri lir-rikorrenti omm b'mod mensili, liema manteniment huwa regolat skont klawzola 9 tal-kuntratt tas-separazzjoni surreferit;*
6. *Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
b. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' EG datata 23 ta' Ottubru 2024, a fol 13, li taqra hekk:

*1.Illi l-esponent ma jopponiex ghat-talbiet tar-rikorrenti ghall- hall taz-*

*zwieg stante li ma hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni u stante li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment u spejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** permezz tal-affidavit Dok C **(a fol 9)** illi il-kontendenti izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, B li illum il-gurnata ghandu X il-sena. Xehdet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-nutar Dr Joseph Debono. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat** xehed permezz tal-affidavit (**a fol 13**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

*divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew*

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2003 liema zwieg jgib certifikat numru 2457/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li illum il-gurnata ghadu minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar it-2 ta' Lulju 2010 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti kienu ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-Ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2457/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**